

P6_TA(2006)0540

Stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura ta' impriżi agrikoli ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura ta' impriżi agrikoli, rigward il-qafas finanzjarju għall-perjodu 2007-2009 u l-kontribuzzjoni massima mill-Komunità għall-Bulgarija u r-Rumanija (COM(2006)0344 – C6-0217/2006 – 2006/0112(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0344)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0217/2006),
 - wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikulari l-Artikolu 56 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0424/2006),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU

P6_TC1-COD(2006)0112

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura ta' impriżi agrikoli, rigward il-qafas finanzjarju għall-perjodu 2007-2009 u l-kontribuzzjoni massima mill-Komunità għall-Bulgarija u r-Rumanija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat²,

² *Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2006.*

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88³ jistipula li l-Istati Membri għandhom jitħallsu lura sa ammont massimu għal kull sħarriġ, bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż imġarrba.
- (2) Biex jitwettaq l-istħarriġ fuq l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli, jeħtieġ finanzjament konsiderevoli mill-Istati Membri u mill-Komunità biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji.
- (3) Bil-ħsieb ta' l-adeżjoni tal-Bugarija u r-Rumanija u tat-twertiq ta' sħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli f'dawn l-Istati Membri l-ġodda fl-2007, huwa xieraq li kontribuzzjoni massima Kommunitarja tiġi pprovduta għal kull sħarriġ; dan l-adattament huwa meħtieġ minħabba l-adeżjoni u ma ġiex previst fl-Att ta' l-Adeżjoni.
- (4) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għall-bqija tal-programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlienija għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura annwali baġitarja, skond it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja⁴,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

³ ĠU L 56, tat-2.3.1988, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 204/2006 (ĠU L 34, 7.2.2006, p. 3).

⁴ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 571/88 huwa emendat kif ġej:

- 1) L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 14(1):
 - "- EUR 2 000 000 għall-Bulgarija,
 - EUR 2 000 000 għar-Rumanija."
- 2) Fl-Artikolu 14, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sub-paragrafu tal-paragrafu 1 huma mibdula b'li ġej:

“Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta’ dan il-programm, inklużi l-appropriazzjonijiet meħtieġa għat-tmexxija tal-proġett Eurofarm, għandu jiġi ffissat għal EUR 20 400 000 għall-perjodu 2007-2009.

L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(1) għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President